MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 96/2002/1

**Avviz Numru 96/02**

**Peter Busuttil**

**vs**

**Public Broadcasting Services Limited (C13140)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fl-5 ta' Ottubru 2010 il-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi : -

***"Il-Qorti,***

*Rat l-avviz ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti minn Peter Busuttil, fejn talab li s-socjeta' konvenuta Public Broadcasting Limited tkun ikkundannaha thallsu s-somma ta' erbat elef, erba' mija u hamsa u tmenin Lira Maltin*

*(Lm4,485) skont il-fattura annessa u mmarkata bhala Dok. A, dovuta bhala prezz ghal xoghol ezegwit fuq inkarigu u a beneficcju taghha stess, konsistenti fl-iffilmjar ta' tliet serati tal-Malta Jazz Festival u servizzi u spejjez ohra relatati.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Settembru 2001, u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid prezentati kontestwalment, u bl-imghax kummercjali, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta' konvenuta, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Public Broadcasting Services Limited prezentata fl-erbgha ta' Marzu 2002, fejn eccepiet is-segwenti:*

*"Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

*Rat illi fl-erbgha ta' Dicembru 2002 xehed* ***Eric Vella Bonnici*** *(a fol. 14) li qal li huwa Manager Finance mal-kumpanija konvenuta. Huwa qal li ma jafx ghaliex il-kumpanija konvenuta qeghda tikkontesta t-talba attrici, pero' zied li l-invoice esebita mac-citazzjoni ma tinstabx fil-kotba tal-PBS.*

*Nhar l-erbgha ta' Dicembru 2002 xehed ukoll* ***l-attur Peter Busuttil*** *minn jeddu (a fol. 15 et seq) li spjega li kull sena l-PBS permezz tal-personnel taghha, tirrekordja l-Jazz Festival ta' Malta biex tittrasmettih xhur wara. Fl-1998, jumejn qabel il-Jazz Festival, kien cempillu Albert Marshall, Chief Executive tal-PBS, u qallu li ma kellux la haddiema u lanqas apparat biex jirrekordjaw il-Festival u talbu jiehu hsieb ir-recording hu. Zied li dak li qallu Albert Marshall, qalulu bl-approvazzjoni tar-rapprezentanti kollha tal-PBS. Qal li sab ruhu rinfaccjat b'certu urgenza, ghaliex f'jumejn kellu jsib erba' camera men, l-apparat kollu necessarju u nies biex ihaddmuh, jigifieri kellu jorganizza 'an outside broadcasting unit'. Zied li fil-fatt irnexxielu jiffilmja l-festival kollu, anzi ghamlu b'mod iktar estensiv*

*biex seta' jittella' programm apposta ghalih. Qal ukoll pero' li lis-Sur Marshall kien serrahlu rasu li kien se jibqa' 'within the budget' li s-soltu jkollha l-PBS ghal dan it-tip ta' programm. Spjegalu wkoll li l-ispejjez kienu se jkunu l-istess li l-PBS tinkorri meta tuza n-nies taghha stess. Ix-xhud qal li ma baghtx kont tax-xoghol tieghu lil PBS ghar-raguni li dak iz-zmien ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet tajba hafna, tant li qal li kellhom speci ta' barter agreements rigward is-servizzi li jaghtu lil xulxin. Huwa kompla jghid li l-PBS ma kenitx tahdem b'din is-sistema ta' barter agreements, mieghu biss. Barra minn hekk qal li ma kellux urgenza jibghat l-invoice, ghaliex it-tapes kienu ghadhom ghandu, peress li l-programm kien ser ikun trasmess xhur wara u l-PBS kellhom jghidulu xi kwalita' ta' tapes riedu.*

*Spjega li l-invoice A a fol. 2 tindika three layer recordings ghaliex il-Jazz Festival idum tlett ijiem u hu kien irrekordjahom kollha, izda ma tinkludix overtime. Sussegwentement il-kont baghtu f'Jannar tas-sena 2001 meta bdew jinqalghu l-problemi bejnu u l-PBS u beda jara li ma kienx se jkollu l-opportunita' li jkompli bil-barter agreement li kellu. Jghid li ma rcieva l-ebda twegiba ghal din l-invoice, pero' jammetti li dak iz-zmien hu wkoll kellu jaghti xi hlasijiet lil PBS. Huwa ssuggerixxa li jiltaqghu biex jippruvaw jaslu fi ftehim, izda dan ma sehhx u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*L-atturipprezenta tliet dokumenti mmarkati PB1 li hija ittra tat-3 ta' Gunju 1999 mibghuta lilu minn Albert Marshall, PB2 ittra li hu baghat lil PBS fis-16 t'Awwissu 1999 minn fejn jidher li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet bdiet tiddeterjora u dokument PB3 huma proposti li hu kien ghamel ghal programmi ohra. Qal ukoll li s'issa kien ghadu ma rcieva l-ebda komunika minghand il-konvenuti dwar hlas.*

*In kontro-ezami l-attur kompla jghid li ftit saru skritturi meta l-PBS inkarigawh jaghmel xi recording, u f'dan il-kaz ma kienx hemm cans peress li nghata l-inkarigu jumejn biss qabel. Rega' sostna li l-uniku diskors li sar dwar kumpens kien dak ma' Albert Marshall fis-sens li ma kienx*

*se jiswa iktar minn kemm tonfoq il-PBS normalment. Zied li kieku l-PBS hadmu bin-nies taghhom, bl-overtime li kien hemm bzonn, zgur li kienet tigihom oghla minn kemm iccargjahom hu. Spjega li biex tikri OB unit minghand il-PBS tiswa mill-inqas elf Lira Maltin (Lm1000), jobbligawk tuza n-nies taghhom li trid thallas ghalihom u mbaghad trid thallashom tal-overtime. Qal li huwa iccargjahom bir-rati ta' dakinhar li sar il-festival, cioe' dawk tal-1998.*

*Spjega li meta qal li meta Albert Marshall tah dan l-inkarigu kellu l-approvazzjoni tar-rapprezentanti kollha tal-kumpanija konvenuta, dan ibbazah fuq okkazjonijiet precedenti.*

*Rat li fis-sitta ta' Mejju 2004 xehed* ***Joseph Mifsud*** *(a fol. 38 et seq) li kkonferma li huwa kien ha hsieb is-sound in konnessjoni mal-iffilmjar tal-Jazz Festival tal-1998. Spjega li barra li ffilmjaw il-performances, iffilmjaw ukoll xi ntervisti. Huwa kompla li l-attur Peter Busuttil, kien il-prezentatur kif ukoll il-producer tal-filming li dam ghaddej tlett ijiem. Qal li Romina Genuis kienet giet imqabbda minn Peter Busuttil biex taghmel xi ntervisti. Qal ukoll li sallum ghadu ma thallasx mill-attur tax-xoghol li ghamel ghax kienu ftehmu li meta jithallas l-attur ihallas lilu. Spjega li din kienet l-ewwel darba li kien involut fil-Jazz Festival izda cahad li kellu x'jaqsam ma' xi programm jismu Jazz Box. Kompla jghid li l-filming kien jibda minn xi l-erbgha ta' wara nofsinhar sa filghodu kmieni, u sa fejn jafu hu ma kienx hemm rapprezentanti tal-PBS prezenti waqt il-filming.*

*Dakinhar tas-sitta ta' Mejju 2004 xehed ukoll* ***Andrew Psaila*** *Chief Executive tal-kumpanija konvenuta (a fol. 41 et seq). Ikkonferma li l-invoice esebita a fol. 2 tal-process hija dik li l-PBS kienet irceviet minghand Peter Busuttil rigward il-Jazz Festival tal-1998. Huwa qal li l-ammont mitlub huwa gustifikat, pero' sostna li kien hemm ftehim bejniethom li ma jinghatax kumpens fi flus izda b'sensiela ta' programm.*

*Ix-xhud qal li f'Gunju 1999 kien gie appuntat bhala Acting Chief Executive u dak iz-zmien ukoll kien ircieva*

*telefonata minghand id-Direttur tal-Kultura Joe Mifsud li ilmenta li l-programm Jazz Box, li jitratta dwar il-Jazz Festival tal-1998 kien ghadu ma xxandarx. Ilmenta wkoll li l-isponsors li kellhom jidhru fuq il-programm bdew jilmentaw u barra minn hekk kien rega' wasal iz-zmien li jsir Jazz Festival tal-1999 u allura ma setax jerga' jiffaccja l-istess sponsors. Allura hu (x-xhud) kellem lic-Chairman li nformah li l-programm ma setax jixxandar ghaliex min kellu jahdmu, cioe' Peter Busuttil, kien ghadu ma hadmux. Qal li sar jaf li f'laqgha li saret bejn l-attur u c-Chairman tal-PBS, kien intlahaq ftehim, li wkoll sar bil-miktub, li mmedjatament kellhom jixxandru hames programmi Jazz Box dwar il-Jazz Festival tal-1998, li fil-fatt gew trasmessi, u li b'kollox Peter Busuttil kellu jaghmel tlettax-il programm bl-isem 'Life' fejn kellu jaghti airtime ghal riklami li l-qliegh taghhom kellu jmur direttament lilu u minflok jirrinunzja ghad-drittijiet li kellu jiehu ghall-filming tal-Jazz Festival komprizi l-progammi tal-Jazz Box.*

*Kompla jispjega li skont il-ftehim milhuq dawn il-programmi kellhom jixxandru hamsa fix-xahar ta' Lulju u l-kumplament f'Settembru, izda mbaghad ixxandru biss l-ewwel hamsa, ghaliex l-Awtorita' tax-Xandir ilmentat dwar il-kontenut taghhom u anke li nkisru r-regolamenti dwar ix-Xandir tar-Reklami, u allura l-attur twaqqaf milli jkompli jxandar il-programmi. Ix-xhud kompla li wara sar jaf li t-tmien programmi l-ohra xxandru fuq stazzjon privat. Kompla jispjega li l-ilmenti dahlu wara li kienu ixxandar it-tielet programm, pero' peress li dak iz-zmien l-Awtorita' tax-Xandir kienet ghadha mhix tapplika r-regolamenti godda, ma mponietx multi. Qal li r-regolamenti dwar imposizzjoni ta' multi bdew jigu applikati mis-sena elfejn. Ix-xhud ma kienx jaf jekk l-Awtorita' kinitx imponiet xi multa dwar xi programm iehor u lanqas jekk il-PBS kinitx waqqfet xi sensiela ta' progammi minhabba ksur tar-regolamenti tar-riklamar.*

*Illi fl-ghaxra ta' Novembru 2004 xehed (a fol. 66 et seq.) u ddikjara li ghalkemm il-ftehim Dok. AP1 u n-nota annessa mieghu, igibu d-data tad-29 ta' Lulju, fil-fatt il-programm 'Lajf' kien beda jixxandar sa mill-bidu ta' Lulju ghalkemm il-ftehim finali bil-miktub u n-nota effettivament gie ffirmat*

*fid-29 ta' Lulju. Ghaldaqstant zied li kieku ma kellhomx ftehim verbali, il-programm ma kienx jibda u sostna li l-ftehim verbali kien ezattament l-istess bhal dak li sar bil-miktub fid-29 ta' Lulju u li gie ffirmat mill-istess attur. Spjega li l-ftehim milqugh ma' Peter Busuttil, huwa wiehed standard, pero' bil-parametri jvarjaw skont il-programm li jkun. Spjega li generalment il-prattika tal-PBS hija li l-ftehim isir qabel ma jibda l-programm, pero' f'dan il-kaz ic-cirkostanzi wasslu biex il-ftehim jigi ffirmat fl-ahhar minflok fil-bidu, ezattament wara li kienu saru erba' xandiriet tax-xahar ta' Lulju. Imbaghad kellhom jixxandru hames programmi ohra f'Settembru. Inoltre kompla jispjega li mhux bilfors li d-data tal-ftehim tikkoncidi mad-data tal-ahhar programm tax-xahar ta' Lulju, u li n-nota a fol. 55 tal-atti mmarkata bhala Dok. AP2 kienet tifforma parti mill-istess ftehim tad-29 ta' Lulju 1999, infatti msejha 'Nota mal-ftehim LAJF', u din hija marbuta mad-disa' programmi. Qal li mbaghad il-hames programmi l-ohra ma xxandrux ghaliex il-PBS uzat id-dritt diskrezzjonali taghha li taghzel li ma xxandarhomx ibbazat fuq ragunijiet serji. Kompla li r-rinunzja annessa mal-ftehim kien marbuta mal-istess ftehim. Qal ukoll li l-ewwel ilment kien dahal f'Lulju, u l-Awtorita' tax-Xandir gibdet l-attenzjoni tal-PBS.*

*Ix-xhud zied li fil-fatt l-ilmenti ufficjali waslu ghand il-PBS ghal habta ta' Settembru kif jidher mid-dokument AP9 a fol. 62 tal-process, pero' l-Awtorita' tax-Xandir kienet diga' kkomunikat mal-PBS dwar l-ilmenti f'Lulju, u allura l-PBS iddeliberat dwar jekk twaqqafx il-programm jew le fil-bidu t'Awwissu. Qal li l-procedura tal-PBS hija illi meta tircievi ilment mill-ewwel tikkomunikah mal-producer, u fil-kaz in kwistjoni l-PBS kienet kellmet lil Peter Busuttil. Pero' zied li l-programm LAJF ma twaqqafx biss a bazi ta' dawn l-ilmenti tal-Awtorita' tax-Xandir, izda l-PBS kellhom l-ilmenti taghha wkoll ghaliex ma kienx qed joghgobha l-mod kif jitmexxa l-programm. Spjega li l-procedura tal-multi bdiet tigi nfurzata mill-Awtorita' tax-Xandir mill-1 t'Ottubru 2000.*

*Ix-xhud qal ukoll li l-PBS xorta kellha d-dritt li twaqqaf il-programm, irrispettivament mill-ilmenti tal-Awtorita', jekk tara illi l-programm 'did not attain the level of a high quality*

*production, or is not of a high aesthetic and entertainment standard'. Qal li ghalkemm l-ilmenti bdew jaslu mill-ewwel programm u l-ftehim gie ffirmat fid-29 ta' Lulju, l-PBS ma kinitx diga' deciza li ma xxandarx l-ahhar hames programmi.*

*Ftakar li wiehed mill-ewwel ilmenti kien dwar bott tal-Lager li kien jidher fir-reklam li spjega li huwa infringement tal-Ligi minhabba surreptitious advertising. Dak iz-zmien l-awtorita' ma kienet hadet l-ebda decizjoni dwar dan, kienet tghaddi biss l-ilment, pero' kieku llum kienet timmulta lill-PBS. Jaf ukoll li sussegwentement il-programm LAJF kompla jixxandar fuq stazzjon iehor. Ipprometta li kellu jipprezenta kopja tal-ittra tieghu tas-26 t'Awwissu dwar il-programm LAJF kif ukoll l-original tal-ittra tal-Awtorita` tax-Xandir tas-7 ta' Settembru 1999 flimkien mad-dokumenti mehmuza maghha, kif ukoll il-minuti tal-laqghat li nzammu ma' Peter Busuttil.*

*Meta rega' xehed fis-seduta tat-2 ta' Frar 2005, Andrew Psaila esebixxa l-original tal-ittra li tinsab esebita a fol. 62 tal-process u tar-rapport anness maghha. Spjega pero' li r-rapport ma kienx anness mal-ittra tas-7 ta' Settembru 1999 izda kien mibghut jumejn wara bil-fax bla covering letter, u huma accettaw li l-ittra tas-7 ta' Settembru kienet il-covering letter tieghu. Qal ukoll li ghalkemm <u>hu ma kienx involut fil-ftehim li kien sar ma' Peter Busuttil</u> dwar il-Jazz Festival u dwar il-programm Jazz Box, meta wara sar Chief Executive tal-PBS kien gie nfurmat li meta kien sar il-ftehim dwar il-filming tal-Jazz Festival kien gie wkoll moghti struzzjonijiet illi mill-istess filming kellu johrog sensiela ta' programmi, li kienu appuntu Jazz Box, li kellha tikkonsisti fi tlettax-il programm. Din is-serje kellha tixxanndar mill-attur fis-sena 1998 u 1999 u mhux bilfors kellhom ikunu esklussivament clips tal-Jazz Festival izda setghu jinkludu clips ta' Jazz Concerts ohrajn. Qal li din kienet l-unika darba li l-programmi kollha gew fdati f'idejn terza persuna, pero' qal li hu ma jaf bl-ebda raguni partikolari ghaliex il-PBS kienet fdat il-filming ta' Jazz Festival f'idejn Peter Busuttil u lanqas ma jaf meta l-attur kien gie avvicinat biex jaghmel dan. Jaf pero' li meta lahaq Chief Executive hu, f'Gunju tal-1999, il-Jazz Festival tal-*

*1998 li kien sar f'Lulju, u s-sensiela ta' programmi li kienu marbutin mieghu, kienu ghadhom ma xxandrux. Meta staqsa dwar dan, il-Head of Progammes, cioe' Sylvana Christina u George Peresso kienu qalulu li Peter Busuttil kien ghadu ma lestihomx. Ipprometta li jipprezenta kopja tal-ittra tal-Awtorita' tax-Xandir tal-24 t'Awwissu 1999 u fil-fatt fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2005 huwa pprezenta kopji ta' zewg ittri ndirizzati lilu fil-kariga tieghu ta' Acting Chief Executive tal-PBS mill-Awtorita', wahda datata 20 t'Awwissu 1999 u l-ohra 4 t'Awwissu 1999, li gew immarkati bhala Dokument Z1 u Z2.*

***Andrew Psaila** rega' xehed nhar il-Hamis 8 ta' Mejju 2008 (a fol. 123) fejn rega' spjega li l-programm Jazz Box kien sensiela ta' programmi li jikkonsistu f'recordings tal-Jazz Festival tal-1998 u kif kienu xxandru biss l-ewwel erba' programmi minn din is-sensiela f'Lulju tal-1999 u l-hamsa l-ohra baqghu ma xxandrux fuq il-PBS. Spjega li kien sar arrangement bejn ic-Chairman ta' dak iz-zmien Maurice Zarb Adami u Peter Busuttil ghall-hlas rigward il-programm Jazz Box fis-sens li nghata programm jismu 'LAJF' bhala speci ta' set-off.*

*Sussegwentement fit-8 ta' Lulju 2009 esebixxa kopja tal-minuti tal-laqghat tal-Bord tad-Diretturi tal-PBS tat-13 u tal-20 t'April u tat-22 ta' Gunju tal-1999 li gew immarkati bhala Dok. PBS 1, 2, u 3 rispettivament.*

*Waqt is-seduta tal-20 ta' Mejju 2010 gie mistoqsi jekk hux minnu li Peter Busuttil kien gie mqabbad jiffilmja l-Jazz Festival tas-sena 1998, pero' huwa wiegeb li ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma dan ghaliex dak iz-zmien huwa ma kellux il-kariga ta' CEO. Kompla pero' li mill-ftehim li kien hemm bejn Peter Busuttil u c-Chairman ta' dak iz-zmien jidher li fil-fatt hekk kien. Spjega li qabel jigi muri l-filmat kien jigi editjat min-nies tal-PBS. Ma kienx f'posizzjoni jwiegeb jekk il-kwistjoni dwar il-programm Jazz Box kinitx wahda separata u distinta mill-gbid tal-Jazz festival.*

*Illi fil-15 ta' Gunju 2006 xehed **Charles Gatt** (a fol. 102 et seq.) li qal li mis-sena 1991 sas-sena 2005 huwa dejjem*

*kien involut fil-Jazz Festival bhala Artistic Co-Ordinator. Spjega li dan il-festival ikun organizzat mid-Dipartiment tal-Kultura u kien jigi ffilmjat mill-Malta Television. Meta mbaghad il-PBS tkun hadet il-film tal-Festival, il-programm jixxandar sa zmien sena. Qal ukoll li l-film muri ma kienx ikun il-Festival shih izda kien ikun editjat, u f'sena minnhom kien jinkludi wkoll intervista ta' kull artist qabel dan jaghmel il-performance tieghu, pero' ma kienx jaf jekk kinitx is-sena li l-filming sar mill-attur. Sostna li l-editing gieli sar b'hafna traskuragni. Jaf li sena minnhom Peter Busuttil kien inkarigat mill-filming tal-Festival, fil-fatt kienet is-sena meta dam ma xxandar, u li hu kien kellem lil Peter Busuttil biex jara ghaliex kien hemm dan id-dewmien. Ma kienx jaf xi rwol seta' kellu l-attur apparti l-filming. Jaf ukoll li Peter Busuttil kien imexxi programm jismu Jazz Box ghalkemm ma kien jaf xejn dwaru, hlief li darba kien gie ntervistat mill-attur.*

*In kontro-ezami kompla jghid li l-interess tieghu fix-xandir tal-Jazz Festival kien li hu kien inkarigat li jikko-ordina mal-isponsors tal-programm, u allura kien jiehu hsieb li l-filmat jidher biex l-isponsors ikollhom air-time. Kien ghalhekk li cempel lil Peter Busuttil, fuq inizjattiva personali, meta dehrlu li kien ghadda hafna zmien u l-filmat ghadu ma ntweriex. Qal li nesa' x'kienet it-twegiba tal-attur, u li sa fejn jaf hu aktar tard il-filmat kien ixxandar.*

*Fit-2 ta' Novembru 2006 rega' xehed **l-attur Peter Busuttil**, li rrefera ghax-xhieda ta' Romina Genuis fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 539/01. Huwa qal li l-ahhar erba' linji ta' din id-deposizzjoni pjuttost li jirreferi iktar ghall-kawza odjerna milli ghall-kawza l-ohra, u li allura ghandhom jittiehdu bhala prova f'din il-kawza.*

*Iccara dak li kien qal fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Dicembru 2002, fis-sens li meta qal li t-trasmizzjoni jaghmilha xhur wara, ma riedx ifisser li jaghmilha hu imma l-PBS. Enfasizza li ghalkemm hu kien inkarigat mill-filming tal-Jazz Festival, it-trasmissjoni tal-programm ma kinitx f'idu imma kienet issir meta riedu l-PBS, anzi zied li hu ma kellu l-ebda obbligu li jitrasmetti l-programm. Wara li hu jkun irrekordjah, jghadih lill-PBS biex jitrasmettuh huma.*

*Ried jaghmel distinzjoni bejn il-programm The Malta Jazz Festival u l-programm Jazz Box. Qal li filwaqt li The Malta Jazz Festival kien jikkonsisti fil-filming shih tal-festival, fil-programm Jazz Box kienu jidhru siltiet biss minnu. Qal li kien hu li hareg bl-idea ta' sensiela ta' tmien programm bl-isem Jazz Box, peress li dik is-sena l-PBS kienu ghadhom ma trasmettewx il-Jazz Festival. Qal li lanqas ta' dawn il-programmi Jazz Box ghadu ma thallas, u fil-fatt dwar din il-kwistjoni ghandu kawza ohra pendenti. Insista li l-kawza odjerna qed issir biex jithallas ghall-filming ta' The Malta Jazz Festival li hu ghamel fl-interess tas-socjeta' konvenuta.*

*Spjega li ghall-Jazz Festival huwa ma ffilmjax biss il-kuncert per se, izda wkoll dak li jkun gara waqt l-organizzazzjoni tal-festival u xi ntervisti, pero' kompla jispjega li dawn ir-recordings 'extra' ghamilhom hu ghax dehrlu li seta' jigi bzonnhom u ma kienx obbligat li jtihom lill-PBS u lanqas ma jkun iccargjahom taghhom. Pero' hu jekk jidhirlu li jkunu hargu tajbin xorta jghaddihomlhom. Sostna li ma kellux urgenza partikolari biex jghaddi l-invoice lil PBS la huma ma kinux ghadhom talbuh it-tapes. Insista li mhux kompitu tieghu li jiddeciedi meta jigi trasmess il-Jazz Fextival, u 'noltre qal li meta kien qed jiffilmja l-Jazz Festival ma kienx ghadu gieh f'mohhu l-programm Jazz Box. Kompla jghid li l-PBS tant damu ma xandru l-Jazz Festival li kien rega' wasal il-festival tas-sena ta' wara, u allura ma kienx jaghmel sens li jitrasmettu festival ta' tliet sighat meta fi ftit gimghat kien se jsir festival iehor.*

*Rat illi fis-6 t' Ottubru 2008 xehed* ***Dr. Simon Manicolo*** *(a fol. 126) fil-kapacita' tieghu ta' Kap tad-Dipartiment tal-Monitoring tal-Awtorita' tax-Xandir. Ikkonferma li d-dokumenti nseriti fl-atti a fol. 62 et seq. intbaghtu mill-istess Awtorita'.*

*In kontro-ezami nhar it-12 ta' Marzu 2009 ix-xhud gie mistoqsi x'passi jittiehdu mill-Awtorita' tax-Xandir meta jkun hemm xi rregolaritajiet f'xi programm. Spjega li l-ewwel ikun hemm 'reportage' dwar il-programm u jekk*

*jirrizulta li kien hemm xi trasgressjoni jigi mressaq quddiem l-awtorita' u l-partijiet koncernati jwiegbu ghaliha. Qal li probabilment fir-rigward il-programm LAJF ma kinitx giet segwita l-procedura odjerna u ghalhekk il-PBS ma kinitx giet immultata tieghu. Ma kienx jaf jghid min irrediga d-dokumenti a fol. 63 u 64 tal-process, peress li n-nies jinbidlu u r-rapporti ma jkunux iffirmati. Illum il-gurnata dan sar ikun registrat f'database, pero' dak iz-zmien ma kinitx tintuza din is-sistema. Pero' kkonferma li hargu mill-awtorita' ghaliex gharaf l-istil tal-format li kien jintuza dak iz-zmien u li jkunu jinsabu fil-files tal-istess awtorita'. Ipprometta li jesebixxi l-original taghhom. Mistoqsi jekk jafx li fil-fatt il-programm baqa' jintwera fuq stazzjon iehor nonostante dawn in-notices, stqarr li ma jafx. Jaf li r-rapporti ntalbu mill-PBS.*

*Fil-21 t'Ottubru, 2009 rega' xehed u kkonferma li d-dokument a fol. 63 huwa l-attachment li ntbaghat mal-ittra li hemm esebita a fol. 62 u datata 7 ta' Settembru. Spjega li fl-4 t'Awwissu 1999 intbaghtet ittra minghand Antoine J. Ellul li kien Kap Ezekuttiv tax-Xandar, lil Andrew Psaila, fejn fost l-ohrajn ikkummenta dwar ksur tal-ligi fejn jidhol riklamar waqt il-programm LAJF, u talab lil PBS tirratifika din is-sitwazzjoni. Id-dokument a fol. 64 huwa rapport li sar mill-Monitoring Board. Mistoqsi jekk dan ir-rapport sarx qabel jew wara l-ittra, stqarr li ma jafx. Ikkonferma li d-dokument a fol. 63 sar mill-kumitat konsultattiv appuntat ad hoc mill-awtorita'. Ma kienx f'posizzjoni jispjega ghaliex dan ir-rapport intbaghat f'ittra datata 7 ta' Settembru 1999. Ikkonferma wkoll li r-rapport a fol. 64 ma sarx mill-kumitat konsultattiv izda mid-Dipartiment tal-Monitoring fuq inizjattiva tal-awtorita' permezz tal-ittra tal-4 t'Awwissu 1999. Qal li r-rapport gie faxed fid-9 ta' Settembru 1999 u cioe' jumejn wara li ntbaghtet l-ittra a fol. 64 u li ma kellux covering letter. Qal ukoll li mill-file ma jirrizultalux li dan ir-rapport intalab mill-PBS u lanqas min iffirmah. In kontro-ezami kkonferma li d-dokument a fol. 64 gie faxed mill-awtorita' lil Andrew Psaila.*

*B'referenza ghad-dokument li jinsab a fol. 90 tal-process, li hija l-ittra datata 4 t'Awwissu 1999, qal li m'ghandux idea jekk it-teleshopping imsemmi fit-tielet paragrafu twaqqafx*

*jew le. Mistoqsi jekk mill-files jirrizultalux li meta l-programm LAJF kompla jixxandar fuq l-istazzjoni Super One dahlux izjed ilmenti, wiegeb fin-negattiv.*

*Fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2010 xehed* ***Dr. Joseph Refalo*** *(a fol. 167) li ddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Company Secretary tal-PBS. Esebixxa estratti mill-minuti mehudin minnu stess fit-13 ta' Lulju u tas-27 ta' Lulju 1999, li gew immarkati mill-Qorti bhala Dok. CSH1 u 2 rispettivament.*

*Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Mejju 2010 il-Qorti tat zmien lill-attur sabiex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu sal-15 ta' Gunju, 2010 liema terminu sussegwentement gie estiz sat-30 ta' Gunju 2010, u lis-socjeta' konvenuta biex twiegeb sat-12 ta' Lulju 2010.*

*Rat li l-attur ipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fit-28 ta' Gunju 2010.*

*Rat ukoll in-nota* ***tas-socjeta' konvenuta tat-12 t'Awwissu, 2010.***

***Ikkunsidrat:-***

*Il-principju ewlieni tal-istatut tal-kuntratti huwa li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda. (Qorti tal-Appell* ***– "<u>Beacom et vs Spiteri Staines"</u> -*** *5 ta'Ottubru 1998).*

*Dan premess - kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan jghodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu.*

*Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi, u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*Din il-Qorti tghid bhala punt ta' dritt li l-piz tal-prova huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Naturalment il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati.*

*Dan kollu jissarraf fil-principju li jirregola l-piz tal-prova, u cioe' li x-xjenza tal-fatt allegat, ghandu jigi pruvat mill-persuna li qed tallega dik ix-xjenza. Del resto hekk ukoll jghid l-Art.562 tal-Kap.12, u fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-kaz ta' dubju l-allegata xjenza ghandha tigi rigettata (**"Theuma vs Mercieca"** – Qorti tal-Appell – 20 ta' Frar 1996 ; **"Fenech Clarke et vs Borg et"** – Qorti tal-Appell – 30 ta' Mejju 1997 u **"Mizzi noe vs Borg et"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 29 ta' Settembru 2009).*

*Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma reklamata fl-avviz, u cioe' s-somma ta' erbat elef erbgha mija u hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm4,485) rapprezentanti hlasijiet dovuti lilu ghall-iffilmjar tal-Jazz festival 1998 skont invoice datat 28 ta' Jannar 2001 (Dok. A a fol. 2). Il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu jghid biss li s-somma mitluba mhix dovuta ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Fl-eccezzjonijiet tieghu ma nsibu l-ebda spjegazzjoni ghaliex effettivament l-ammont mhux dovut.*

*Jinghad li l-kontendenti kellhom ftehim bejniethom u dan sabiex l-attur jigbed il-filming ghal Jazz festival. Dwar dan il-ftehim ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni ghaliex Andrew Psaila fix-xhieda tieghu tal-20 ta' Mejju 2010 jiddikjara li kien jaf li kien hemm dan il-ftehim bejn is-socjeta' konvenuta u l-attur. Jghid pero' li kien hemm ukoll ftehim li minn dan il-filming l-attur kellu jipproduci programm iehor maghruf bhala Jazzbox bazat fuq il-Jazz Festival.*

*L-attur fix-xhieda tieghu jispjega b'mod car u univoku li l-iffilmjar tal-Jazz Festival u l-programm Jazz Box ma*

*kellhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin u li kien ser jithallas separatament ghalihom.*

*Is-socjeta' konvenuta fin-nota taghha qed targumenta li l-ammont mhux dovut ghaliex l-attur kien irrinunzja ghal kwalsiasi hlas li kellu jsir in konnessjoni mal-wiri ta' Jazz Box, u dan in kontro kambju ghal wiri tal-programm LAJF. Il-ftehim dwar dan il-programm LAJF jinsab esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok. AP1 a fol 49 et seq. A fol. 55 jirrizulta li kien hemm ftehim immarkat bhala Dok AP2 li permezz tieghu huwa irrinunzja ghall-hlasijiet li kellu jircievi 'n konnessjoni mal-programm Jazz Box. L-attur jiddikjara wkoll li ma kellu l-ebda pretensjoni ulterjuri kontra s-socjeta' konvenuta rigward il-programm Jazz Box. Imkien pero' ma ssir referenza ghall-iffilmjar tal-Jazz Festival. Is-socjeta' konvenuta qieghda, fin-nota taghha, tghid li permezz ta' din in-nota ta' rinunzja l-attur ceda wkoll id-rittijiet tieghu naxxenti mill-filming tal-Jazz Festival. Pero' referenza ghal dan l-iffilmjar fil-ftehim m'hemmx. Andrew Psaila jghid li wara li l-attur kien ftiehem dwar l-iffilmjar tal-Jazz Festival inghata inkarigu iehor, li jipproduci programm minn dan il-filmat u jipprovdi l-programm Jazz Box. Ghalhekk huwa car li hawnhekk si tratta ta' zewg affarijiet separati u distinti.*

*Is-socjeta' konvenuta ma tghid fl-ebda hin ghaliex l-ammont mitlub mhux dovut, izda taghmel referenza biss ghal din in-nota ta' cessjoni li fil-fehma tal-Qorti m'ghandhiex relevanza ghal dan il-kreditu tal-attur. Is-socjeta' konvenuta fl-ebda hin ma tikkontesta l-kont mibghut lilha ut sic, izda tittenta tikkancellah versu n-nota ta' ccessjoni.*

*Is-socjeta' konvenuta fl-ebda hin ma tikkontesta li hija kellha ftehim mal-attur dwar l-iffilmjar, u ghalhekk dan il-ftehim jikkonsisti f'pacta sunt servanda u jorbot liz-zewg partijiet.*

*Il-principju ewlieni mhaddan fil-kamp tal-kuntratti huwa pacta sunt servanda. Propju ghaliex il-ligi trid li kuntratt pattwit skont il-ligi jkollu l-forza ta' ligi bejn il-kontraenti.*

*Fil-kawza "**Spiteri vs Camilleri et**" deciza minn din il-Qorti (PA/RCP) fit-30 ta' Mejju 2002 inghad hekk :–*

*"Il- principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa'dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata",*

*Principju tad-dritt daqstant importanti u rilevanti ghall-fini tal-vertenza bejn il-partijiet huwa migbur fl-**Art. 993 tal-Kap.16** li jaqra hekk –"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi.( ara - "**Depares noe vs O'Dea noe**" – A.C. - 25 ta' Gunju 1996).*

*Kif tajjeb osservat il-Prim' Awla fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet **F. Advertising Limited (C27689) vs Francis u Antonia konjugi Grixti** "Hi disposizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl**-artikolu 992 (1**), illi l-kuntratt hu ligi ghall-partijiet kontraenti. Jinzel minn dan il-karattru enfatiku tal-artikolu tal-ligi illi l-partijiet kienu tenuti jirrispettaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, anke ghaliex "pacta sunt servanda", u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruhu bil-volonta" unilaterali ta' xi parti."*

*Ghalhekk peress illi mill-provi prodotti s-socjeta' konvenuta ma rnexxilhiex tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-ftehim orginali ta' bejn il-kontendenti gie mibdul, dak il-ftehim ghadu jsehh u s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-attur ghas-servizz moghti minnu lilha billi ghamel l-iffilmjar tal-Jazz Festival, u li huwa ghalhekk ghandu jithallas ghalih.*

*Dwar il-quantum tal-hlas li qed jirreklama l-attur, is-socjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda prova kontrarja ghal dak mitlub mill-attur, u ghalhekk it-talba tieghu ghandha tigi milqugha.*

***Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta billi tilqa' t-talba attrici u***

***tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur dik is-somma msemmija fl-avviz, u cioe' s-somma ta' erbat elef erbgha mija u hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm4,485) ekwivalenti ghal ghaxart elef erbgha mija u sebgha u erbghin ewro (€10,447) bl-ispejjez kollha a karigu tas-socjeta' konvenuta. Oltre dan tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas ukoll lill-attur l-imghax dovut mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Settembru 2001.***

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Public Broadcasting Services Limited (C13140) datat 22 ta' Ottubru 2010 fejn ir-rikorrenti socjeta` appellanti talbet lill-Qorti thassar is-sentenza moghtija mill-imsemmija l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) tal- 5 ta' Ottubru 2010, bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-appellat Peter Busuttil datata 15 ta' Novembru 2010 a fol 11 tal-process fejn jikkoferma s-sentenza appellata *in toto*, bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Frar 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Veronica Aquilina ghas-socjeta` appellanti rapprezentata minn Andrew Psaila, u Dr. Anthony Cremona ghall-appellat prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza nkluz l-atti kollha tal-kawza hawn mertu ta' dan l-appell.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi s-socjeta' appellanti qed tghid li l-Ewwel Qorti ghamlet (1) interpretazzjoni hazina tal-ftehim datata 29 ta' Lulju 1999 (Dok. "AP2") ghaliex skont in-nota mal-ftehim "Lajf" kien hemm addendum tal-istess data citat mis-socjeta' appellanti fir-raba' paragrafu tat-tieni faccata tal-appell li skont l-istess socjeta' appellanti jirrizulta car li l-attur appellat kien irrinunzja ghal kull dritt li kellu fuq il-filming tal-Jazz Festival tal-1998, u dan ghaliex hija sostniet li l-

iffirmjar tal-istess u l-programm JAZZBOX, li kien jinkludi fih estratti mill-istess iffilmjar tal-imsemmi festival, kienu l-istess u haga wahda, u allura l-kliem fl-istess nota fejn kien hemm rinunzja ghall-hlas ghall programm JAZZBOX kien jinkludi rinunzja ghall-iffilmjar tal-istess; (2) Inghad ukoll li l-Ewwel Qorti ma osservatx il-principju *"pacta sunt servanda"* u dan ghaliex tat konsiderazzjoni iktar lill piz tax-xhieda milli dak li kien hemm miktub bejn il-partijiet; (3) tghid li saret riferenza zbaljata ghax-xhieda ta' Abdrew Psaila ghaliex dan fil-verita' sostna li l-filming tal-istess Festival u l-programm JAZZ BOX kienu skont ix-xhieda tieghu l-istess u mhux zewg affarijiet distinti; (4) l-Ewwel Qorti kkontradixxiet lilha nfisha meta l-ewwel semmiet il-principju pacta sunt servanda u mbaghad sostniet li n-nota ta' cessjoni m'ghandhiex relevanza ghall dan il-kreditu tal-attur; (5) l-Ewwel Qorti ma kkonsidratx tlett principji fundamentali (a) fejn it-terminologija hija cara ma hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni (**artikolu 1002 tal-Kap. 16);** (b) ftehim verbali jista' biss jinghata importanza fejn il-ftehim bil-mitkub fl-intier tieghu jirrifletti l-istess a kuntrarju tat-tifsira litterali tieghu; (c) ftehim bejn il-partijiet jista' jigi revokat biss bi qbil bejn iz-zewg partijiet skont kif provdut fl-**artikolu 992 (2) tal-Kap. 16.** Jinghad li l-Ewwel Qorti kull ma qalet kien biss li tali ftehim ma kellu x'jaqsam xejn mal-kawza attrici u dan bla motivazzjoni meta s-socjeta' appellanti ssostni li l-iffirmjar tal-Jazz Festival 1998 u l-programm kienu l-istess haga u hawn saret riferenza ghax-xhieda ta' Andrew Psaila fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2004 u l-istess socjeta' appellanti ghaddiet sabiex taghti argumenti ohra ghaliex fuq il-provi prodotti d-decizjoni tal-Ewwel Qorti ghandha tigi revokata.

Illi din il-Qorti thoss li l-appell tas-socjeta' appellanti huwa kollhu kemm huwa mibni fuq l-premessa li l-filming tal-Jazz Festival 1998 li l-attur gie inkarigat jaghmel minn Albert Marshall li kien dak iz-zmien chief executive tas-socjeta' konvenuta, u l-produzzjoni tal-programm JAZZ BOX huma l-istess, u ghalhekk in-nota mal-Ftehim "LAJF" datata wkoll 29 ta' Lulju 1999 (Dok. "AP 2") li fihom l-attur rrinunzja ghall kull hlas u spejjez li setghu kienu lilhu dovuti in konnessjoni mal-programm JAZZBOX prodott fl-

1998/1999, kien ifisser ukoll rinunzja ghall dritt ta' l-iffirmjar tal-istess Jazz Festival 1998.

Illi jidher car minn qari tal-istess decizjoni li mill-provi prodotti quddiema l-istess Qorti kkonkludiet li l-programm JAZZBOX u l-iffirmjar tal-Jazz Festival 1998 ma kienux l-istess haga, u ovvjament din hija konsiderazzjoni ta' fatt li l-Ewwel Qorti dahlet fiha, u li din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell mhux normalment tiddisturba hlief f'kazi eccezzjonali fejn ikun jirrizulta li fl-apprezzament tal-Ewwel Qorti kien hemm zbalji gravi. Fil-fatt dan ma huwiex il-kaz ghaliex jirrizulta lill din il-Qorti, li mill-provi prodotti jirrizulta car li hemm differenza sew bejn l-iffirmjar tal-JAZZ Festival 1998, u l-programm JAZZBOX, li kellu jigi prodott mill-attur, tant li l-programm gie proprju koncepit meta l-iffilmjar tal-Jazz Festival ma kienx trasmess mis-socjeta' appellanti fil-hin li ssoltu jsir, u fil-fatt dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda kemm tal-attur u mill-provi l-ohra prodotti, u certament ix-xhud Andrew Psaila meta xehed ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma t-tezi tas-socjeta' appellanti tant li meta gie "mistoqsi jekk Jazz Box bhala programm kinitx kwistjoni separata u distinta minn gbid tal-Jazz Festival" huwa rrisponda li *"m'hiniex f'posizzjoni nwiegeb"* (seduta 20 ta' Mejju 2010) u din hija fl-ahjar ipotesi sorprendenti tenut kont ta' dak li huwa xehed fl-istess kawza. Certament allura dan ma jistax jghin it-tezi tas-socjeta' appellanti.

Illi dak li certament jirrizulta ppruvat huwa li n-nota tal-29 ta' Lulju 1999 (Dok. "AP 2") hija rinunzja ghall hlasijiet u drittijiet li setghu kienu dovuti ghall-produzzjoni tal-programm JAZZ BOX u mhux ghall-iffilmjar tal-Jazz Festival 1998, u t-tnejn huma zewg xogholijiet separata bhala fatt, u hekk gew ikkunsidrati mill-partijiet fil-kawza, ghaliex tali nota taghmel riferenza biss ghal tali programm b'ismu u mhux ghall-iffirmjar tal-Festival. Dan johrog car mill-istess nota u ghalhekk tali nota qatt ma setghet isservi ta' ostakolu ghall-azzjoni attrici li hija biss fuq l-iffirmjar tal-istess Festival u ma ghandha x'taqsam xejn mal-programm JAZZ BOX u l-produzzjoni tieghu, u ghalhekk l-Ewwel Qorti applikat sew il-ligi taghha dwar

interpretazzjoni tal-kuntratti ghaliex tali nota ma kellhiex timpingi fuq l-azzjoni attrici.

Illi ma` dan jizdied jinghad li dwar il-kuncett ta’ rinunzja fid-decizjonijiet fl-ismijiet **– “Mary Ciantar vs Ladislao Giuseppe Necolucci”** (P.A. (RCP) – 29 ta’ April 2010) u **“Anthony Scerri v Anthony Cutajar et”** (A.I.C. (PS) - 16 ta’ Marzu 2005) gew elenkati l-elementi necessarji stabbiliti fil-gurisprudenza dwar ir-rinunzja ta’ dritt, u konsistenti ma’ dan inghad li:-

(1) “*La rinunzia ad un diritto, perche’ si possa ritenere tale, deve risultare da espressioni chiare ed univoche, e non gia da espressioni generiche*”. (**Kollez. Vol. XXVIII P III p 1154**).

(2) “*Qualunque rinunzia, non essendo generale e specifica, non riceve che stretta interpretazione, in guisa che in dubbio s’ intenda rimesso quanto meno sia possibile*” (**“Sciberras vs Giappone**, Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta’ Ottubru 1840)”.

(3) *“Ir-rinunzji huma di stretto diritto u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta preciza tar-rinunzjant” - “**Henry Thake vs Carmel sive Lino Borg**”, Appell, Sede Inferjuri, 25 ta’ Novembru 1986.*

(4) *“In kwantu ghall-ezami dwar in-natura ta’ l-att u l-effikacja tieghu biex jopera r-rinunzja, dan l-ezami huwa rimess ghall-apprezzament tal-gudikant, li ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha li fihom gie kompjut l-att” (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 646**).*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-istess nota ta’ rinunzja kienet tirreferi ghall-programm JAZZ BOX u mhux ghall-iffirmjar tal-Jazz Festival 1998, u allura la darba l-istess skrittura ghamlet riferenza ghall-istess programm, mela ghandha tapplika biss ghall-istess programm u mhux ghall-iffirmjar ta’ Festival. Li mbaghad dawn kienu zewg xogholijiet differenti tohrog ukoll mix-xhieda tal-istess Andrew Psaila li kkonceda li qatt qabel l-

iffirmjar tal-festival u l-programm fuq il-festival ma kienu saru mill-istess persuni. Mela fid-dawl ta' dan kollu l-appell tas-socjeta' appellanti qed jigi michud ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta' tal-appellat Peter Busuttil datata 15 ta' Novembru 2010 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' Public Broadcasting Services Limited tat-22 ta' Ottubru 2010 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt, u b'hekk tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited" datata 5 ta' Ottubru 2010 (Rikors Numru 96/02CSH) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti Public Broadcasting Services Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------